MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 465/2003

**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**IMHALLEF :**
**ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**
**Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004.**
**Citazzjoni numru 465/2003 GC**

**Bank of Valletta p.l.c**
**Vs**
**Noel Calleja**

**Il-Qorti;**

**Rat ic-citazzjoni li biha il-Bank Attur wara li ippremetta:-**

**Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti datati 22 ta'Frar, 1999 u tnejn datati 23 ta' Lulju, 1999 fl-Atti tan-Nutar DottorAnthony Abela (Dok "A"", Dok "B" u Dok. "G"), is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenut Noel Calleja;**

**Illi is-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Noel Calleja fis-somma ta' tmienja u tletin elf, seba' mija u**

**tlieta u tletin Liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (LM38,733.33) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” ta’ Noel Calleja mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1 sa C5”,Dok “D1 sa D5; Dok “E1 sa E5” u Dok “F1 sa F2”) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill- 1 t’ April, 2003 sad-data tal-effettiv pagament;**
**Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratti datati 22 ta’Frar, 1999 u 23 ta’ Lulju, 1999 in atti Nutar Dottor Anthony Abela fuq imsemmija partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Noel Calleja (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sporaindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut Noel Calleja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita ta’ hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-termini ul-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.**
**Illi l-konvenut giie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 7 ta’ Frar, 2003 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “H” sabiexihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti;**
**Talab lill-konvenut jghid ghaliex m[ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-**
**1) Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti datati 22 ta’Frar, 1999 u 23 ta’Lulju, 1999, 1999 in atti Nutar Dottor Anthony Abela fuq imsemmija partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Noel Calleja (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sporaindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut Noel Calleja li jipp[erikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.**
**2. Tikkundanna lil-Noel Calleja jhallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ tmienja u tletin elf, seba’ mija u tlieta u tletin Liri Maltin u tlieta u tletin centezmu**

**(LM38,733.33) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” ta’ NoelCalleja mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1 sa C5”,Dok “D1 sa D5; Dok “E1 sa E5” u Dok “F1 sa F2”) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill- 1 t’ April, 2003 sad-data tal-effettiv pagament;**
**Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta’ Frar, 2003 u tal-Mandati ta’ Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.**
**Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut li biha ammetta it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;**
**Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;**
**Fuq ammisjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tal-bank attur kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenut.**

**Imhallef**
**Dep. Registratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------